**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Nicholas Ciappara**

**Spettur Lawrence Cutajar**

**v**

**PETER PAUL CACHIA**

**Illum, 12 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER PAUL CACHIA** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Carmelo u Rose nee Borg, imwieled H'Attard nhar s-sitta ta' Awissu, 1975 u joqghod 'Virginia House', Triq Zejtun, B'Bugia,

detentur tal-karta tal-identita numru 416575M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn t-tlieta ta' Marzu, 1997 u fis-sitt xhur qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina w d-droga Dihydrocodiene, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-4 w s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-drogi msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-drogi msemmija gew fornuti lilu ghall-uzu tieghu skond ricetti kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'

Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-6 Tqasima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli kkommetta dan r-reat f'xi hin gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametri ta' klabb jew centru taz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22 subinciz 2 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta.

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-tlieta ta' Marzu, 1997 kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif jmiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali tal-1985, kif sussegwentement amendat u 35B u 89A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom

x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif amendat.

Talli sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru, 1994 (awla 5).

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kontro-ordini mahrug mill-Avukat Generali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 1999 esibit f'dawn l-atti a fol 314 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha kif fuq riferita.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-Difiza.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-sitta ta' Dicembru, 2000.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni ppruvat bix-xhieda taghha li nhar l-hamsa ta' Marzu, 1997, membri tal-Iswadra ta' Kontra d-Dorgi flimkien ma

membri tal-Mobile Unit, sabu oggetti relatati ma droga principalment xi siringi barra l-vettura li kienu rekbin l-imputat u certu Andrew Debono u cioe l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni H-7122. Saret tfittxija fl-istess vettura u hemmhekk gie elevat telecell tal-marka Nec proprjeta tal-imputat.

Il-Pulizija sussegwentement fil-presenza tal-imputat dahlu fl-appartament li kien kera flimkien ma Andrew Debono minghand certu Joseph Spiteri u ghamlu *search* f'dan l-appartament u cioe Jolly, Flat 2, Triq il-Merzuq, B'Bugia.

Hemmhekk il-Pulizija sabu oggetti relatati mat-traffikar tad-droga u partikolarment *electronic scales* tal-marka Tonita, xi siringi, xi karti maqtghin f'forma kwadra generalment uzati bhala *sachets*, kwantita differenti ta' pilloli, notebook u pitazzi, *citric acid* u xi flus kontanti. Il-Pulizija ezaminaw wkoll t-telecell li kienu elevaw ftit qabel fil-presenza tal-imputat mill-vettura H-7122 u bejn l-*cover* w t-telecell sabu li kien hemm xi *sachets* b'sustanza suspettata li hija droga.

Illi a bazi ta' dan l-imputat gie arrestat w rrilaxxja stqarrija li tinsab esibita a fol 32 tal-process markata bhala dokument NC 1.

Din l-istqarrija ttiehdet l-ghada ta' din s-*search* u minn ezami ta' dan l-istess dokument jirrizulta li t-telecell li nstab fil-vettura li kien riekeb nhar l-hamsa ta' Marzu, 1997 fil-Qajjenza, kien proprjeta tieghu. Pero meta gie mistoqsi jekk gol-*pouch* tieghu kien hemm xi haga, l-imputat ghazel kif kellu kull dritt li jaghmel, li ma jwegibx.

Mistoqsi domanda dwar dak li nstab fil-fatt in konnessjoni ma spacc ta'droga, l-imputat ghogbu ma jirrispondi ghall-ebda domanda, la rigward l-uzu tal-mizien,(ghalkemm verbalment lil PC 1279 allegatament qallu li jahmi l-kejkijiet bih), la dwar t-*tissue* mcappsa bid-demm, u lanqas dwar n-notebook bil-figuri fih. L-imputat kif kellu kull dritt li jaghmel, qaghad sieket dwar dawn id-domandi ghalkemm meta gie mistoqsi jekk juzax s-*citric acid* mal-eroina, huwa wiegeb li juza lumija. Din hija ndikazzjoni jew ahjar affermazzjoni ndiretta li l-imputat juza d-droga eroina.

Fid-disgha ta' Marzu, 1997, il-Pulizija, wara li rcievet telefonata anomina li kien qed isir abbuz ta' droga fl-istess appartament mikri lil Andrew Debono u l-imputat, hasset li kellha terga taghmel *search* ohra. Ghall-ewwel l-imputat ma riedtx jiftah l-bieb u wara certu hin gie sid il-flat u kien biss meta l-Pulizja qalulu li

ser jisgassaw l-bieb li fetah. Il-Pulizija kienet taf li gol-flat kien hemm n-nies peress li l-bieb huwa tal-hgieg u minn barra dehru d-dellijiet. Din d-darba mis-sistema tad-drenagg, fil-kamra tal-banju, l-Pulizija hargu diversi oggetti relatati mad-droga u cioe borza tal-plastik li fiha kien hemm kwantita ta' trab kannella suspettata eroina, u disgha siringi li kienu jidhru li ma kienux uzati. Ghal darb'ohra l-imputat, flimkien ma Andrew Debono, gie arrestat u rrlaxxja l-istqarrija datata hdax ta' Marzu, 1997, esibita mill-Ispettur llum Supretendent Lawrence Cutajar a fol 23 tal-atti markata bhala dokument LC 1. Hawnhekk pero l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu.

Illi saru zewg Inkjesti Magisterjali dwar dawn iz-zewg *searches* relattivi. Illi skond r-relazzjoni ta' Doctor Anthony Abela Medici esibita a fol 148 tal-process, huwa ghamel analizi fuq d-dokumenti li gew elevati mis-Scene of the Crime wara s-*search* tal-hamsa ta' Marzu, 1997 w rrizulta li d-dokumenti kollha gew ezaminati u mill-analizi taghhom jirrizulta li kien hemm presenza ta' eroina fuq numru sostanzjali nkluz fuq il-mizien dokument 97 ANG 08-1. Illi l-kontenut tal-pilloli misjuba fid-dokument 97 ANG 09-2 u 97 ANG 10 gew analizzati w rrizultanzi miksuba jindikaw li kienu posittivi ghad-droga Dihydrocodeine (fil-fatt kien hemm ghoxrin pillola) li hija

droga wkoll kkontrollata bil-ligi taht l-ewwel Skeda taqsima 11 tal-Kap 101.

Illi dawn l-oggetti jinsabu wkoll fotografati kif jirrizulta minn fol 175 sa 198 tal-process u jiffurmaw parti integrali mir-relazzjoni tal-istess Doctor Anthony Abela Medici.

Ghar-rigward t-tieni sejba u cioe dik tad-disgha ta' Marzu, 1997, Doctor Anthony Abela Medici b'digriet appositu tal-Magistrat Inkwerenti, ezamina d-dokumenti li gew elevati mis-Scene of the Crime. Illi d-dokumenti jinsabu deskritti b'mod dettaljat f'din l-istess relazzjoni u l-espert jiddikjara mill-ezami li zamm li nstabet evidenza ta' eroina.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li z-zewg *searches* taw rizultat posittiv fis-sens li nstabet d-droga eroina fiz-zewg okazzjonijiet.

L-imputat ghazel li jixhed u fil-fatt fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 2000 ta d-deposizzjoni tieghu fejn kkonferma li hu kien kera dan l-istess appartament fil-Qajjenza flimkien ma Andrew Debono u li kienu huma t-tnejn biss li kellhom cavetta tal-bieb. Illi huwa jistqarr li kienu jmorru f'dan il-flat fost affarijiet ohra sabiex jabbuzaw mid-

droga ghall-uzu personali taghhom.  Huwa jistqarr li fil-presenza tieghu Ufficjal tal-Pulizija hareg borza b'xi sustanza mill-gully tal-flat, pero jghid li ma kien jaf xejn dwarha.  Dwar il-qartas li nstab fit-telecell tieghu huwa jghid li kien xtrah minghand certu Emanuel Vella maghruf bhala l-Pa, hdejn il-klabb tal-bocci l-Fgura.  Huwa cahad b'mod kategoriku lil biegh d-droga lil dan Emanuel Vella u qal li fil-fatt kien jixtri hu minghandu mill-Fgura jew tramite Jimmy miz-Zurrieq hdejn il-mina ta' Bormla.

L-imputat qal wkoll li l-Pulizija qatt ma qalulu li Emanuel Vella kien xtara xi drogi minghandu; dejjem qalulu li kixfuh in-nies. Dwar il-pilloli DHC huwa qal li ma kienux tieghu u kif spiccaw fil-fatt ma kienx jaf ghalkemm qal li Andrew Debono qallu li jekk kellu bzonn xi DHC kellu habib tieghu Tabib z-Zejtun li kien lest li jippreskrivihomlu.

Haga stramba pero li meta xehed Andrew Debono id-Difiza ma staqsitu xejn dwar dawn il-pilloli dwar jekk kienux tieghu jew dwar dan l-allegat habib tieghu tabib.

Fit-tlettax ta' Marzu, 2000 l-istess imputat kompla jghid li huwa kellu problema ta' droga u cioe li kien jinjetta lilu nnifsu.  Huwa

qal li kien jehodha fil-vina u fl-ammont li kien jkollu. Fil-fatt kien beda jattendi kors fid-Detox ghad-ditossikazzjoni qabel ma tressaq l-Qorti. Mistoqsi f'din l-okkazzjoni dwar l-uzu tal-mizien u jekk kienx minnu li qal li jahmi l-kejkijiet, l-imputat wiegeb li veru kien qal dak id-diskors pero bhala cajta.

Illi ghalhekk mis-suespost jirriuzlta bic-car li l-imputat kellu problema ta' droga kif stqarr hu stess u li kien jabbuza minnha fl-appartament li kien kera u anke fuq l-ammissjoni tieghu stess l-imputat kellu droga fil-pussess tieghu meta nstabet fil-*pouch* tat-telecell tieghu. Ghalhekk l-akkuza ta' pussess tirrzulta anke jekk l-imputat ammetta ghal pussess ta' eroina f'ammonti zghar. Zghar kemm kienu zghar l-ammonti, xorta jirrizulta l-pussess u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li qed ssibu hati ta' din l-ewwel akkuza. Dwar l-pussess tal-pilloli DHC il-Qorti thoss li din l-akkuza tirrizulta wkoll ghaliex l-imputat bl-ebda mod ma kkonvinca lil Qorti li dawk li nstabu fil-flat ma kienux tieghu. Il-Qorti mhux konvinta li dawn il-pilloli setghu kienu ta' Andrew Debono ghaliex d-Difiza ma ressqet l-ebda prova dwar din l-allegazzjoni u lanqas m'ghamlet referenza ghaliha meta xehed l-istess Andew Debono a fol 102 et seq tal-process.

Andrew Debono a fol 108 tal-atti qal li ghalkemm huwa kellu problema ta' droga, din kienet qabel il-perjodu meta gie arrestat mill-Pulizija in konnessjoni ma dan il-kaz. Huwa stqarr li fil-fatt, kunrarjament ghal dak li qal l-imputat, huwa m'ghamilx uzu minn droga. Illi din ix-xhieda ta' Andrew Debono ma giet kontradetta minn hadd, lanqas mill-imputat stess u ghalhekk bilfors li l-Qorti thoss li d-droga li nstabet fil-flat tappartjeni lil imputat ghaliex huwa ma kienx kapaci jaghti spjiegazzjoni konvincenti ghall-esiztenza taghha.

Dwar r-reat ta' traffikar ta' droga l-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

L-imputat beda jigi nvestigat nhar il-hamsa ta' Marzu, 1997 kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu esibita f'dawn l-atti a fol 32 u sussegwetnement fl-istqarrija ohra esibita a fol 23 datata hdax ta' Marzu, 1997 u f'dawn iz-zewg stqarrijiet il-Pulizija ma taghmel l-ebda accenn ghal Emanuel Vella, jekk l-imputat kienx jafu u jekk fl-affermattiv, x'kienet r-relazzjoni tieghu mieghu. Jirrizulta wkoll mill-atti li l-Pulizija nvestigaw lil dan Emanuel Vella in konnessjoni mal-abbuz ta' droga sa mill-hdax ta' Jannar, 1997. Meta l-Pulizija ghamlu *search* fil-proprjeta tieghu u cioe numru 7, Triq Mikiel Abela, Qajjenza, B'Bugia, u sabet diversi oggetti li ghandhom x'jaqsmu ma

l-abbuz ta' droga, liema oggetti fost affarijiet ohra kienu jinkludi *foil*, diversi kwantitajiet ta' pilloli, citric acid, mwiezen, pitazzi b'partijiet mill-pagni taghhom maqtughin u siringi wzati. Illi l-Pulizija ressqet lil Emanuel Vella l-Qorti nhar s-sbegha ta' April, 1997 u cioe wara li kienet investigat lil imputat odjern. Il-Pulizja kienet taf li Emanuel Vella kien jbiegh d-droga hdejn il-klabb tal-bocci l-Fgura ghaliex kien ammetta hu stess maghha. Illi fl-ebda stadju tal-proceduri li kienu qed jinstemghu fil-konfront ta' Emanuel Vella ma ssemma l-imputat odjern u cioe li kien jixtri d-droga minghandu. Doctor Anthony Abela Medici fir-relazzjoni tieghu li kien ppresenta fil-konfront ta' Emanuel Vella, kien sab evidenza ta' eroina f'percentagg ta' purita qawwija ta' 86% go sitta w ghoxrin qartas tal-karti, liema percentagg huwa percentacc qawwi dwar il-purita. Kien biss meta l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet l-provi taghha li Emanuel Vella stqarr li allegatament kien jixtri d-droga minghand l-imputat odjern ghaliex huwa ppresenta affidavit tieghu nhar s-sebgha ta' Awissu, 1987 fejn stqarr li kien jixtri d-droga eroina minghand l-imputat pero dan huwa ghamlu, kif jistqarr hu stess fl-istatement tieghu esibit a fol 117 tal-atti processwali tieghu, sabiex jipprevalixxi ruhu mill-artikolu 29 tal-Kap 101. Qal wkoll li kien jixtri gramma ghal prezz ta' ghoxrin lira maltin ghal uzu personali tieghu. Huwa pero ma jaghti l-ebda spjiegazzjoni kif spicca b'dawk il-qratas kollha meta ghamlu *s-search* il-Pulizija. Fl-ebda hin

tal-istatement tieghu ma jipprova jiggustifika l-ammont kbir ta’ droga li nstabet ghandu fis-*search* nhar s-sebgha ta’ Jannar, 1997. Kull ma ghamel Emanuel Vella hu li ttanta jitfa dell fuq haddiehor biex jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena tieghu.

Jirrizulta ghalhekk li meta l-Pulizja ressqet lil imputat odjern l-Qorti ma kienetx taf bix-xhud Emanuel Vella fis-sens li kien allegatament jixtri minghand l-imputat. Il-Qorti temmen li l-Prosekuzzjoni akkuzat lil imputat fuq l-akkuza ta’ traffikar fuq xi indagini li kellha dak iz-zmien qabel il-presentata odjerna u mhux fuq xi provi li setghu nqalghu wara li saret il-presentata. Dan ghaliex akkuza ta’ traffikar ta’ droga hija akkuza serja u f’kaz ta’ htija timporta piena ta’ prigunerija qawwija hafna. Ghalhekk il-Qorti ghamlet ezami akkurat u cioe ezami bir-reqqa tal-process sabiex tara jekk kienx hemm xi individwu iehor li qal li xtara droga minghand l-imputat.

Mill-provi prodotta, apparti n-numru konsiderevoli ta’ Pulizija li xehdu, l-esperti nominati mill-Qorti, sid il-flat in kwistjoni u Andrew Debono, ma xehed hadd aktar. Andrew Debono fl-ebda hin ma qal li ra lil imputat jittraffika fid-droga jew jbiegh lil terzi; anzi a fol 108 tal-atti processwali qal li huwa lanqas qatt ma ra lil imputat

jiehu d-droga.  Ghalhekk il-Qorti tistaqsi, fuq liema prova il-Prosekuzzjoni ressqet lil imputat dwar din l-akkuza ta' traffikar?  Il-presunzjoni wahedha, irrespettivament mill-ammont, mhux bizzejjed biex tressaq bniedem fuq akkuza ta' traffikar.

Illi l-Qorti ezaminat wkoll ix-xhieda ta' Emanuel Vella fid-dawl tal-akkuza odjerna ta' traffikar ma dak li qal fl-istatement li esibixxa fil-process tieghu u johorgu diversi divergenzi u lanqas d-difiza odjerna ma ghamlet referenza ghalihom.

Fl-ewwel lok, fl-istqarrija li esibixxa Emanuel Vella, huwa jghid li kien jixtri gramma ta' eroina ghall-prezz ta' ghoxrin lira maltin ghall-uzu personali tieghu.  Meta sussegwentement xehed il-Qorti bil-gurament nhar l-erbgha ta' Novembru, 1997 huwa qal li hu kien jixtri minghand l-imputat.  Jispjiega li xtara b'kollox hames grammi f'zewg okkazzjonijiet; darba minnhom tlett grammi u darb'ohra zewg grammi.  Pero mistoqsi minn fejnm kien gab dawn is-*sachets* kollha li nstabu ghandu waqt is-*search* qal li gabhom minghand l-imputat.  Hawnhekk jirrizulta li Emanuel Vella ma kienx cert u car dwar dak kollu li kien qed jghid.  Meta xehed il-Qorti wkoll fil-proceduri li kien hemm pendenti kontra tieghu qal li kien jixtri xi tlett grammi ghal prezz ta' ghoxrin lira maltin izda fl-istqarrija tieghu

qal li kull grammi kienet tiswa ghoxrin lira maltin.  Ghalhekk il-Qorti tistaqsi, meta qed jghid il-verita dan Emanuel Vella, fl-istatement; fix-xhieda tieghu li qal li xtara f'aktar minn okkazzjoni wahda jew meta quddiem l-imputat qal li xtara darba f'okkazzjoni wahda ghal prezz ta' hamsa w ghoxrin lira maltin?

Fl-istqarrija tieghu esibita fil-procediment li kien hemm pendenti kontra tieghu u fix-xhieda li ta fl-istess proceduri qal li kien xtara d-droga minghand l-imputat hdejn il-bandli ta' B'Bugia.  Fix-xhieda li ta fil-proceduri tieghu qal li kien hemm t-tfal fuq il-bandli meta ghamel n-pnegozju mal-imuptat izda meta xehed fil-proceduri odjerni qal li kienu wahedhom, ma kien hemm hadd aktar.

Minn ezami tx-xhieda tieghu tal-erbgha ta' Novembru, 1997, li ta fil-proceduri tieghu jirrizulta li lanqas l-Avukat Difensur tieghu ma kien qed jemmnu ghaliex qal (a fol 125 tal-atti) "*Hawnhekk jew tghid il-verita, ghax jekk ma tghidx il-verita, hiereg 'l barra, ghax ghal xejn ma jemmnukx.  Il-Qorti, mhux imbecilli.*"

Il-Qorti thoss li kull kaz ghandu l-partikolaritajiet tieghu u ghar-rigward l-istqarrija huwa importanti u essenzjali li wiehed jara l-karattru ta' dak li jkun qed jigi jixhed, jekk kellux xi kazijiet ohra

qabel u jekk kellux esperjenza ta' cirkostanzi simili precedentement. Wiehed ghandu wkoll jinnota l-mod ta' kif irrisponda ghad-domanda dak li qed jigi investigat fil-proceduri li saru fil-konfront tieghu. Il-Qorti kellha l-opportunita tikkontrolla x-xhud fis-sens li rat l-imgieba tieghu, l-komportament tieghu u x'interess kellu f'dak li kien qed jghid. Il-Qorti ma thossx li x-xhud kien veritier meta xehed f'dawn il-proceduri u ghalhekk mhux attendibbli u kredibbli u l-Qorti thoss li m'ghandha taghti ebda piz lix-xhieda tieghu u sejra tiskarta in toto.

Illi ghalhekk una volta tiskarta din x-xhieda ma jibqa l-ebda xhud iehor li qal li xtara minghand l-imputat jew li ra lil imputat jittraffika fid-droga. Id-Difiza rnexxilha tipprova fuq bazi ta' probabilita li x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni u cioe Emanuel Vella ma kienx qed jghid il-verita f'dak li ddepona. Il-Qorti zgur li ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova din l-akkuza ta' traffikar lanqas b'mod remot u ghalhekk ma ssibux hati ta' din l-akkuza.

Naturalment peress li l-Qorti ma sabitux hati tal-akkuza ta' traffikar ta' droga, ma tistax ssibu hati tal-akkuza talli kkommetta dan r-reat fi/jew gio distanza ta' mitt metru minn parametri ta' klabb jew centru taz-zaghzagh ghaliex la l-Qorti ma sabitx lil imputat hati tal-akkuza ta' traffikar ta' droga ghaliex skaratat ix-xhieda ta' Emanuel

Vella, ma tistax ssibu hati li kellu l-pussess ta' droga hdejn l-bandli ta' B'Bugia, lil hija f'distanza iqsar minn mitt metru minn fejn jiltqghu z-zaghzagh. Ma jirrizultax mill-atti kemm kienet boghod mic-centru tas-zaghzagh il-vettura ta' Andrew Debono meta l-Pulizija sabet id-droga fit-telecell tal-imputat. Illi ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ppruvata lanqas.

Dwar r-raba akkuza, u cioe dik ta' recidiva din hija akkuza separata u distina minn kull akkuza ohra u taghti l-fakulta lil Qorti sabiex f'kaz ta' recidiva zzid il-piena bi grad jew tnejn. Din pero hija deskrizzjoni f'idejn il-Qorti.

Il-Qorti rat li a fol 58 tal-process giet esibita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru, 1996 fil-konfront ta' Peter Paul Cachia rigward ksur tal-Ordinanza dwar ir-regolementi ta' traffikar, fejn l-imputat kien gie kkundannat jhallas multa komplessiva ta' hamsa w tletin lira maltin. Illi pero din is-sentenza ma gietx konfermata fil-konfront tal-imputat odjern u ghalhekk il-Qorti ma ssibux hati ta' din l-akkuza lanqas.

Dwar l-akkuza tal-pussess ta' medicina specifikata u psikotropika il-Qorti ssibu hati taghha stante li l-imputat ma ta l-ebda

spjiegazzjoni ghal pussess tad-droga Dihydrocodeine li hija diga kontrollata bil-ligi.

Il-Qorti pero tosserva li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset meta ma akkuzatx lil imputat bir-reat previst fl-artikolu 22(2) para a(1) tal-Kap 101 u cioe li kellu d-droga fil-pussess tieghu li ma kienetx destinata ghal uzu esklussiv tieghu, stante li l-Prosekuzzjoni m'akkuzatx lil imputat b'dan reat, il-Qorti ma tistax ssibu hati tieghu.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 4 u 6 tal-Kap 101, G.N. 292/1939, il-Kap 31, Regola 5(1) tal-Avviz Legali 1985 kif amendat u 35B u 89A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Mediku u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u cioe li hija relattivament nadifa salv ghal akkuza ta' portata zghira registrata fl-1996 relatata ma ksur tal-ordinanza dwar it-traffiku. Rat li l-imputat li ghandu xoghol siewi u li jinsab ghaddej programm ta' rihabilitazzjoni

u skond Josette Camilleri li hija l-ko-ordinatur tas-Sedqa, jinsab jaghmel progress. Pero mill-banda l-ohra, rat wkoll li l-ammont ta' droga li nstabet ghandu ma kienetx wahda zghira u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tikkreja bilanc meta tigi biex tapplika il-piena odjerna billi tiehu hsieb l-interess tas-socjeta u tippunixxi lil imputat ghal ghemil illegali tieghu.

**Il-Qorti ghalhekk wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat PETER PAUL CACHIA hati tal-akkuza ta' pussess tad-droga Eroina u tad-droga psikotropika Dihydrocodeine tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal perjodu ta' erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta oltre dan tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin.**

**Tiddikjara wkoll li ma ssibhux hati tal-akkuzi kollha l-ohra u tilliberah minnhom.**

**Il-Qorti spjiegat t-tifsira ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**